MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2012

Numru. 979/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**GEORGE GATT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom George Gatt, ta' 41 sena, iben Carmel u Dolores xebba Attard, imwieled Pieta' nhar l-4 ta' Gunju, 1970, residenti 16, Flat 3, Xghara Road, Marsalforn u detentur ta' Karta ta' l-Identita bin-numru: 15770G.

Gie akkuzat talli nhar it-18 ta' Mejju 2012, ghall-habta tas-14.30 ta' wara nofsinhar, gewwa l-Floriana;

1. gieghel animal (kelb) isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn;

2. talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghamel reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu, kellu d-dmir li jimpedixxi

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok KB5 u nnutat li l-imputat George Gatt m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.
Innutat ukoll li l-imputat, fl-ezami tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 8(2) u 45(1) tal-Kap. 439 u l-artikolu 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat George Gatt, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina pernali netta tal-imputat, tikkundanna lill-imsemmi imputat George Gatt ghall-piena komplessiva ta' seba' mitt Ewro (Ewro 700) multa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------